*Huduni magħkom! Jien inħobbu l-beraħ*
*tas-sema sbejjaħ b'xi sħabiet ġerrejja*
*bħall-ġwienaħ tagħkom ħfief, u nħobb mill-għoli*
*nar'hom ix-xmajjar.*

*Tajruni fuq l-għoljiet, għasafar ħelwa!*
*ħuduni 'l bogħod minn hawn, ħuduni magħkom*
*fejn ma nismax għajjat u biss nitgħaxxaq*
*bil-għana tagħkom!*

DUN FRANS CAMILLERI.

---

## TALBA

*Lejk, o Marija,— ngħolli t-talb tiegħi*
*Għaliex mingħajrek — bħal zokk bla friegħi*
*Għemil il-bniedem; — u l-qalb mugħugħa*
*Toħlom kemm toħlom — ma ssibx ħlief frugħa.*

*Il-ġid u l-qawwa, — l-għerf u s-sbuħija*
*M'humiex ħlief ħolma, — ommi Marija;*
*Fejn hu, mingħajrek — l-hena w il-ferħ?*
*Int imħabbitna — it-tama, s-serħ.*

*Bħal siġra mneżżgħa — mill-ward u l-friegħi,*
*Bogħod minn imħabbtek — din il-qalb tiegħi.*

Balzan, 15 ta' Mejju. 1947. MEME' ZAMMIT.